MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2006

Numru. 10/2006

**Il-Pulizija**

**Spettur**

**Alexander Miruzzi**

**V**

**Paul Azzopardi**

**Il-Qorti:**

Rat li l-imputat **Paul Azzopardi** ta' 39 sena iben Jospeh u Geralda xebba Apap imwieled ir-Rabat, Ghawdex fl-10 ta' Lulju, 1956, u residenti 'Ta' Haqqu', Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Xaghra, Gozo, gie imressaq quddiemha illum akkuzat talli fit-13 ta' Marzu, 2005, ghall-habta tat-3.00 pm waqt li kien fl-inhawi ta' Mgarr ix-Xini b'opra tal-bahar b'numru S9403 minghajr ma kellu licenzja mill-Malta Maritime Authority.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel uzu minn l-istess opra tal-bahar minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghat-terzi persuni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lil PC305 Alfred Gauci jixhed fis-seduta tal-1 ta' Gunju, 2006 u

Illum, 1 ta' Gunju, 2006 Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D
jghid li dakinhar tat-13 ta' Marzu, 2005 ghall-habta tat-3.00 pm. fl-inhawi ta' Mgarr ix-Xini ftit il-barra giet osservata opra tal-bahar numru S-9403 b'mutur 150H.P. Id-daghajsa kient tal-ghamla Albatros 21 u fuq din l-opra tal-bahar kien hemm erba' jew hames minn nies u dak il-hin kien qed isuqha l-imputat.

Staqsieh jekk kellux licenzja tas-sewqan biex isuq opra tal-bahar u l-imputat ammetta mieghu li l-ma kellux licenzja u kien ghalhekk li ha l-particulars tal-imputat u hargu l-akkuzi odjerni.

Semghet il-prosekuzzjoni tirtira it-tieni akkuza u cioe dik li l-impuat saq l-opra tal-bahar minghajr ma l-imputat kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghat-terzi persuni u ghalhekk tastejeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-istess akkuza.

<u>Ikkunsidrat:</u>

Illi mill-provi prodotti l-ewwel akkuza tirrizulta provata b'mod sodisfacenti u ghalhekk il-Qorti issibu hati taghha u wazra li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` 73 u 78 Kap 352 tikkundannah ghal multa ta' elf lira Maltin (Lm1,000).

Tordna inoltre li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha tal-kawza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien tlett ijiem mill-lum ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------